Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 43**
**L-Erbgha 7 ta'Settembru**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier(Hareg 06:30pm)
Emanuel Brincat : Kunsillier (Hareg 6:55pm)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

Romina Galea : Viċi Sindku
Judy Sciberras : Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

43.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lil Kunsilliera preżenti li ma'kienx hemm ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera Romina Galea u Jude Sciberras.

**43.2 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

43.2.01 B'referenza għal-minuti 42.5.15, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-ordnijiet permanenti li hemm fis-Sitt Skeda fejn artiklu 5m jgħid li l-aġenda tal-laqgħa li tkun tmiss trid tkun għand il-Kunsilliera għall-inqas ħamest ijiem ta' xogħol qabel id-data tal-laqgħa. Filwaqt li artiklu 5a jgħid li waqt il-laqgħa jinqraw u jiġu kunsidrati l-minuti iżda kemm il- darba tkun ġiet ċirkolata kopja tal-minuti lill kull membru qabel il-laqgħa, dawn għandhom jitqiesu bħala moqrija.

43.2.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda kopja ta L.S.363.163 Leġislazzjoni Sussidjarja 363.163 Bye-Laws Dwar l-Iskall u d-Daħla tal-Imsida pubblikata nhar il- 11 ta' Novembru, 2011 (Dok:3 anness) u Kopja ta' draft dwar l-emendi li qed jiġu diskussi għal l-istess Bye-Law (DOK:1 anness).Hawn spjegat li ġiet mgħoddija kopja ta'draft bl-emendi lill-għaqda tad- dgħajjes għad diskussjoni tagħha kif kien deċiż waqt is-seduta preċedenti b'referenza għal-minuti 39.5.09 fejn imbagħad saret laqgħa oħra mar-rappreżentanti biex twasslu s-suġġerimenti (DoK:2 anness) li se jiġu kunsidrati u diskussi għal waqt din is-seduta tal-kunsill. Għalhekk qed tipproponi li kull artiklu jiġi diskuss u fejn hemm qbil jigi ratifikat jew fejn hemm bżonn isiru aktar emendi.

43.2.02b Art :1 - Ma kienx hemm emendi

43.2.02c Art : 1.1 - Ma kienx hemm emendi

43.2.02d Art : 2 - Rimarki (Dok:2) Arji Msemmija
Saret diskussjoni dwar it-tifsir ta' dgħajjes go'(DoK3)

*"dgħajjes" tfisser kull bastiment mhux reġistrat bħala bastiment professjonali tas-sajd, Kategorija A - Full time fir-Reġistru tal Bastimenti tas-Sajd, skont ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas Sajd; L.S. 425.07*

*"dgħajjes tas-sajd" tfisser kull bastiment reġistrat bħala bastiment tas-sajd professjonali. Kategorija A - Full time fir Reġistru tal-Bastimenti ta' Sajd skont ir-Regolamenti dwar il Bastimenti tas-Sajd; L.S. 425.07.*

Dan ġie mqabbel ma' tifsir ta'dgħajjes go' (DoK1)

*"Dgħajjes" tfisser kull bastiment reġistrat għas-sajd, skont ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-bastimenti tas-sajd;*

Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li kull kelma "bastiment" li hemm aktar il-quddiem fil Bye-Law għanda tinbidel mal-kelma "dgħajsa skond din il- Bye law". Il-kumplament ta' tifsira tibda kif proposta go (Dok:1) u fejn meħtieġ għanda ssir referenza għal dak li hemm miktub go (Art:5.7)

43.2.02e Art : 2 - Rimarki (Dok:2) Arji Msemmija
Trid tigi annessa il-pjanta ġdida kif ġej l-iskall (Dok:4)

43.2.02f Art : 2 - Rimarki (Dok:2) Irmiġġ
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament filwaqt li-TM għanda ikunu konsultati dwar l-irmiġġi reġistrati u dettalji tagħhom

43.2.02g Art : 3 - jinbidel il-kliem " jew xi bastiment tas-sajd" ma' "skond din il-Bye Law"

43.2.02h Art :4.1 - jinbidel il-kliem " u, jew xi bastiment tas-sajd" ma' "skond din il-Bye Law"

43.2.02i Art :4.2 - Ma kienx hemm emendi

43.2.02j Art :5.1 - Rimarki (Dok:2) Daqs massimu ta' dgħajsa f'metri li tista' titpoġġa fuq l-iskall
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li
jinbidel il-kliem " bastiment tas-sajd" ma' ' dgħajsa 'skond din il-Bye Law"
jinbidel il-qies minn "Tnax (12) il metru " għal- " disa' (9) metri" "iżda go' Art : 5.1 – għandu
Jiżdied il-kliem ''Il-Kunsill jista' jikkonsidra applikazzjonijiet li jkunu ġew ippreżentati minn sidien ta' dgħajjes li jkollhom l-irmiġġ tagħhom reġistrat fid-daħla tal-Imsida għal dgħajjes skond il-Bye-Law ta'mhux aktar minn ħdax (11) il-metru''.

jiżdied il-kliem " f'każ ta'emerġenza dgħajsa sa mhux aktar minn ħdax (11) il-metru tista' titla u toqgħod fuq l-iskall u sa massimu ta'48 siegħa fejn din trid targa jew tkun varata jew tkun trasferita għal go boat yard iżda dgħajsa ta'aktar minn ħdax (11) il-metru għanda mal-ewwel tkun trasferita għal go boat yard"

43.2.02k Art :5.2 - Ma kienx hemm emendi

43.2.02l Art :5.3 - Ma kienx hemm emendi

43.2.02m Art :5.4 - Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament li jinbidel il-kliem " bastiment tas-sajd" ma' " dgħajsa 'skond din il-Bye Law"

43.2.02n Art: 5.5 - Rimarki (Dok:2 mmarkata 5.4 iżda huwa maħsub li qed tirreferi għal dan l-artiklu ) - Dgħajsa ta' sajd MFA u MFB huma meqjusa bħala kummerċjali.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li f'Art: 2 tiżdied il-kelma attività kummerċjali b'tifsira li tkun ċara li din ma tapplikax għal dik l-attività relatata ma'sajd.

43.2.02o Art :5.6 - Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jinbidel il-kliem "dgħajsa u / jew bastiment tas-sajd" ma' ' dgħajsa 'skond din il-Bye Law"

43.2.02p Art :5.7 - Ġie osservat żball li għandu jinbidel in-numru ta'regolament min "5.2" għal " 5.4"

43.2.02q Art :6 - Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament li jinbidel il-kliem " bastiment tas-sajd" ma' ' dgħajsa skond din il-Bye Law"

Is-Sur Maurice Agius ħareġ fis-6:30 p.m.

43.2.02r Art :7 - Rimarki (Dok:2) Mistoqsija għar-raġuni ta'perjodu li ma' jinħarġux permessi

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jitneħħa il-kliem " bejn il-ħmistax (15) ta' Ġunju u l-ħmistax (15) ta' Settembru".

43.2.02s Art :8 - Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament li jinbidel il-kliem "dgħajsa, bastiment tas-sajd" ma' ' dgħajsa skond din il-Bye Law"

43.2.02t Art :8.1 - Ma kienx hemm emendi

43.2.02u Art: 8.2 - Rimarki (Dok:2) - Dwar garanzija finanzjarja għal danni.
Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament li titneħħa il-kelma "bankarja" u jsir depożitu ta' flus kontanti jew ċekk li jiġu depożitati fil-kont bankarju tal-kunsill iżda l-proposta tal-ammont huwa baxx ħafna bħala garanzija għalhekk il-kunsill se jistudja u jikkonsidra alternattiva oħra ta'garanzija.

43.2.02v Art :8.3 - Ma kienx hemm emendi (Nota post seduta Tas-Segretarju Eżekuttiv) Hemm bżonn ssir referenza għal 'Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13 għal regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta'vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru"

Is-Sur Emanuel Brincat ħareġ fis-6:55 p.m.

43.2.02w Art :8.4 - Ma kienx hemm emendi

43.2.02x Art :8.5 - Ma kienx hemm emendi

43.2.02y Art :9.1 - Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament li jinbidel il-kliem " dgħajjes u / jew bastiment oħra tas-sajd" ma' ' dgħajsa skond din il-Bye Law"

43.2.02z Art :9.2 - Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament li jinbidel il-kliem " dgħajjes u / jew bastiment oħra tas-sajd" ma' ' dgħajsa skond din il-Bye Law"

43.2.02a.a Art :10 - Il-Kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament li tiġi imposta il-penali massima li hija permessa skond Kapitlu 363 , artiklu 36.(1) fejn hemm speċifikat li *" Ħlief kif provdut b'xi liġi oħra, persuna li tikser bye-law tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u teħel piena ta' mhux iżjed minn sebgħin euro (€70) u, fil-każ ta' reat kontinwat, għanda ssir ammenda oħra ta' mhux iżjed minn ħmistax-il euro (€15) għal kull jum li matulu jkompli r-reat wara li tinsab ħatja"* .

43.2.02a.b Art :10.1 - Ma kienx hemm emendi. (Nota post seduta Tas-Segretarju Eżekuttiv) Hemm bżonn ssir referenza għal 'Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13 għal regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta'vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru"

43.2.02a.c Art :10.2 - Rimarki (Dok:2) Tifsira ta Amministrazzjoni tal-Iskall
Il-Kunsilliera preżenti ħadu nota u ddiskutew il-kontenut tal-kliem propost fejn unanimament ma'qablux għaliex dan mhux korrett u jmur kontra il-liġi. L-Għaqda ta'dgħajjes trid tifhem li l-iskall huwa art mgħoddija b'devoluzzjoni lill Kunsill Lokali tal-Imsida li jfisser obbligu statutorju li amministrazzjoni b'responsabiltà speċifika u kif meħtieġa skond il-liġi ta' Malta, għalhekk ma' hemmx lok għal aktar diskussjoni dwar dan is-suġġett u ma'hemmx bżonn li jsiru emendi.

**43.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

43.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija,  u data għas-seduta li jmiss se tkun u data għas-seduta li jmiss se tkun kif miftiehem fis-seduta L8-42 nhar it-Tlieta 27 ta'Settembru 2022 fil-5:30 p.m

Minuti konfermati, illum 27 ta'Settembru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |